**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 49/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Mario Buttigieg )**

**Vs**

**RICHARD MARMARA'**

**Illum, 13 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Richard Marmara' talli fis-27 ta'Gunju, 2000, ghal habta tas-7.00 a.m., fi Triq il-Gardenja, Santa Lucia, saq il-vettura numru AAQ-653 (1) b'manjera traskurata, (2) bla kont, (3) perikoluza, (4) u aktar, b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, tajjar lill-Joseph Grech u nvoluntarjament ikkagunalu offizi ta'natura gravi, skond kif iccertifikaw Dr. Miriam Sammut M.D., u Dr. Alex Sultana M.D. ta' l-Isptar San Luqa. Il-Prosekuzzjoni talbet li hu jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Rat is-sentenza moghtija fl-1 ta'Marzu, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti sabet lill-Richard Marmara' hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih, bl-assorbiment ta' l-ewwel, it-tieni w t-tielet akkuzi fir-raba akkuza, u kkundannatu ghall-mitejn lira Maltin (Lm200) Multa, kif ukoll skwalifikatu minn kull-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Richard Marmara' datat 9 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata, dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni w piena, u, fin-nuqqas, tvarja l-istess sentenza appellata limitatament ghall-piena safejn jirrigwarda s-sospensjoni mill-licenzji tieghu tas-sewqan billi tali sospensjoni ma tigiex inflitta.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet il-provi, rat id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell hu bazat kompletament fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, liema provi din il-Qorti analizzat sabiex tara jekk dawn gewx b'xi mod apprezzati b'mod skorrett.

Minn dak li setghet tara din il-Qorti, ma hemm assolutament xejn x'ticcensura f'dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti taqbel bis-shih mar-ragunijiet li gabet l-ewwel Qorti biex waslet li ssib htija fl-appellant, u ma ssib xejn x'izzid maghhom, u, ghalhekk, tghamilhom taghha wkoll. Ma hemm ebda raguni l-ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tvarja dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, u dan kemm ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif ukoll dak li jirreferi ghall-piena, li, fi kwalunkwe kaz mhiex xi piena gravi, anzi hi wahda piuttost lenjanti.

Ghal dawn ir-raunijiet, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Richard Marmara' u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-appellant ghandu jhallas il-Multa ta'Lm200 fuqu inflitta fi zmien gimghatejn mil-lum, u, fin-nuqqas, din tkun konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi. Il-perijodu ta' l-iskwalifika jibda mit-3.00 p.m. tal-lum stess.